---

12 ta' Jannar, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanni Lanzon *versus* Giuseppe Vella

**Lokazzjoni d'Opera — Assoċjazzjoni in Parteċipazzjoni — "Soċi Dormienti" — Soċjetà Irregolari — Stat ta' Komunjoni — Inkwilinat.**

*Jista' jkun hemm lokatur d'opera li minflok jiġi mħallas ta' xogħlu b'salarju regolari f'somma determinata jirċievi perċentwali tal-profitti ta' negozju li għalih ikun addett.*

*Biex ikun hemm assoċjazzjoni in partiċipazzjoni hemm bżonn illi l-oġġett tal-kummerċ ta' l-assoċjati jkun operazzjoni waħda, jew anki operazzjonijiet diversi, tal-kummerċ, imma determinati; barra minn dan, wieħed biss irid ikun jidher quddiem it-terzi, mentri l-assoċjati l-oħrajn ikunu s-"soċi dormienti". Dan ma jistax jingħad li huwa l-każ meta l-kummerċ ta' l-assoċjati jkun jikkonsisti fil-ftuħ u l-attivazzjoni ta' ħanut.*

*F'dan il-każ ikun hemm soċjetà irregolari, li għalkemm ma tagħtix lill-assoċjati kontra xulxin l-azzjonijiet soċjali, tagħtihom però l-azzjonijiet li joħorġu minn dak l-istat ta' komunjoni, fosthom dik għal-likwidazzjoni tal-komunjoni għall-imgħoddi u għad-diviżjoni tal-profitti.*

*Il-kwistjoni dwar ta' min huwa l-inkwilinat ta' ħanut li kien attivat bejn żewġ soċi, biex jiġi stabbilit min minnhom għandu jieħdu lura fil-likwidazzjoni, ma tistax tiġi deċiża f'kawża fejn ma jkunx preżenti s-sid, meta r-rapport ġuridiku ta' lokazzjoni mas-sid ikun jidher li huwa favur wieħed mill-assoċjati mentri s-soċju l-ieħor jippretendi li l-inkwilinat huwa tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi l-kontendenti għamlu soċjetà kummerċjali in partiċipazzjoni mill-ewwel ta' Awissu 1946 għall-bejgħ ta' merkanzija fil-ħanut nru. 2B, Triq Sant'Anna, il-Furjana, li fiha l-attur kien is-soċju ta' l-industrja u l-konvenut kien is-soċju kapitalista; u li fis-27 ta' Novembru 1946 il-konvenut għalaq il-ħanut bil-pretest li kien għal ftit ġranet, imma fil-fatt kiser is-soċjetà ma' l-attur, bla ma saret ebda likwidazzjoni; u illi l-attur ġieb fis-soċjetà d-dritt ta' l-inkwilinat ta' l-istess ħanut u ikkonsenta illi l-kera jidher għan-nom tal-konvenut sakemm iddum is-soċjetà; talab li, wara li ssir kull dikjarazzjoni meħtieġa u jiġi meħud kull provvediment li jkun hemm bżonn, jiġi dikjarat u deċiż:— (1) li l-konvenut irtira mis-soċjetà in partiċipazzjoni li kellu ma' l-attur mingħajr ma tah ebda preavviż, u li per konsegwenza l-istess soċjetà għandha tiġi dikjarata maħlula mid-data li tirriżulta; (2) li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma netta li tirriżulta bħala sehmu mill-fuq imsemmija soċjetà, billi ssir likwidazzjoni tagħ-

ha per mezz ta' kontijiet u inventarju tal-merkanzija, (3) li l-inkwilinat ta' l-imsemmi ħanut nru. 2B, Triq Sant'Anna, il-Furjana, jappartjeni lill-attur, u li in konsegwenza tax-xoljiment tas-soċjetà l-konvenut jiġi ordnat jiżgombra minnu u jikkonsenja l-ħwejjet tiegħu lill-attur, u dana fi żmien perentorju li jiġi fissat. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax minn dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-[illegible] ta' Diċembru 1946;

Billi is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' April 1947, [illegible] laqgħet l-ewwel talba u ffissat is-27 ta' Novembru 1946 bħala data tax-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, bl-ispejjeż relativi nofs kull wieħed, laqgħet it-tieni talba fis-sens illi tat xahar żmien lill-konvenut biex jagħti kont fidil u esatt ta' l-azjenda, u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għall-kumplament tat-talba, bl-ispejjeż bejn il-partijiet nofs kull wieħed, u laqgħet r-raba' talba u tat lill-konvenut xahrejn żmien biex jiżgombra, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-fatti li jirriżultaw il-partijiet jaqblu illi l-assoċjazzjoni għandha tispiċċa fis-27 ta' Novembru 1946, u peress illi taħt il-forma ta' assoċjazzjoni l-partijiet iżommu l-affarijiet tagħhom, id-dritt ta' l-inkwilinat tal-post baqa' favur l-attur u l-konvenut ma għandux iżjed dritt fuqu; illi hemm lok ta' rendikont u mhux ta' likwidazzjoni vera u proprja, iżda bil-mod kif ġiet formulata t-talba l-Qorti tista' tikkundanna lill-konvenut għar-rendikont;

Peress illi nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu [illegible] talab [illegible] riforma ta' dik is-sentenza, billi tiġi konfermata [illegible] deċiż illi r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti spiċċaw fis-27 ta' Novembru 1946 u in kwantu kkundannat lill-attur iħallas nofs l-ispejjeż għall-ewwel u t-tieni talba u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, u tiġi revokata in kwantu ddikjarat illi kien hemm bejn il-partijiet assoċjazzjoni in parteċipazzjoni u kkundannat lill-appellant jiżgombra mill-fond nru. 2B, Triq Sant'Anna, il-Furjana, fi żmien xahrejn u jħallas nofs l-ispejjeż għall-ewwel u t-tieni talba u l-ispejjeż kollha għat-tielet talba, u minflok jiġi dikjarat li l-attur kien soċju in pjegat jew addett tan-negozju

tal-konvenut appellant u illi l-lokazzjoni tal-fond nru. 2B, Triq Sant'Anna, il-Furjana, saret a favur tal-konvenut, u għalhekk tirrigetta t-tielet talba; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwisjonijiet involuti f'dan l-appell huma:— (1) X'relazzjoni kien hemm bejn il-kontendenti, dik ta' assoċjazzjoni jew soċjetà jew dik ta' sempliċi impjeg; (2) fil-każ li kien hemm mhux lokazzjoni d'opera, jekk kienx hemm assoċjazzjoni in partiċipazzjoni jew soċjetà irregolari; (3) jekk l-inkwilinat ta' dan il-ħanut huwiex ta' l-attur jew tal-konvenut;

Fuq l-ewwel kwistjoni, l-appellant issottometta fil-petizzjoni tiegħu illi dak ir-rapport huwa ta' mera lokazzjoni d'opera da parti ta' l-attur favur il-konvenut biex jiġġestilu n-negozju fil-post il-Furjana, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, bil-kumpens ta' nofs il-profitti. Jista' evidentement ikun hemm lokazzjoni d'opera għalkemm, minflok salarju regolari f'somma determinata, jiġi stabbilit illi l-kumpens għandu jkun perċentwali mill-profitti; għaliex ħafna drabi jkun jidher miċ-ċirkustanzi illi għalkemm sid il-ħanut ma jkollu l-ebda idea li jagħmel soċjetà mad-dipendent tiegħu, iżda, għar-raġunijiet tiegħu ta' fiduċja u anki biex jevita riskju żejjed, speċjalment meta l-ħanut ikun żgħir jew ġdid, u għalhekk ta' ftit qliegħ, jiġi stabbilit illi l-institur jitħallas bil-perċentwali fuq il-profitti; u dan diversi drabi jsir ukoll biex is-sid jagħti inċentiv akbar lill-institur biex imexxi tajjeb l-azjenda u kemm jista' jkun ikun hemm profitti, għaliex dejjem ikun a vantaġġ anki tiegħu, ċjoè ta' l-institur (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Mejju 1938, in re "Cassar utrinque");

Tikkunsidra;

Illi f'dan il-każ però jidher illi r-rapport bejn l-attur u l-konvenut ma kienx dak ta' sempliċi impjegat, iżda rapport iżjed intimu. Infatti rriżulta illi l-attur, qabel ma daħal f'relazzjoni mal-konvenut, kellu diversi proġetti biex jagħmel as-

soċjazzjoni ma ħadd ieħor................ Anki mill-kumpless tal-provi jidher illi r-rapport ta' bejniethom ma kien xejn ta' sempliċi impjegat. Għalhekk dan il-gravam huwa mingħajr bażi ;

Tikkunsidra ;

Illi, stabbilit dan il-fatt, l-appellant igħid illi assoċjazzjoni in partiċipazzjoni ma jistax ikun li kien hemm, għaliex jonqsu l-elementi tagħha u prinċipalment illi ma kienx hemm operazzjoni waħda jew diversi, però determinati. Fuq dan il-pont l-appellant għandu ragun. Kif din il-Qorti rriteniet in re "Francesca Manchè vs. Antonio Bartolo" (Appell Kummerċjali) fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1947, biex ikun hemm assoċjazzjoni in partiċipazzjoni jrid ikun hemm dak is-soċju li ma jidherx quddiem in-nies, "socio dormiente", u li l-operazzjoni jkunu speċjali u determinati ; dan ma jistax jiġi attribwit għall-każ meta l-partijiet jifthu ħanut bejniethom għall-attivazzjoni ta' dak il-ħanut, għaliex allura jkun hemm waħda mill-formi tas-soċjetajiet kontemplati mill-liġi. U kif ġie anki ritenut f'dik is-sentenza fuq imsemmija, in forza tal-ġurisprudenza hemm anki indikata, jekk ikun hemm soċjetà irregolari, għalkemm is-soċi ma jkollhomx azzjoni kontra xulxin, skond il-liġi kummerċjali, iżda jkun hemm bejniethom stat ta' komunjoni, u għalhekk ikun neċessarju illi ssir il-likwidazzjoni, jew inkella illi dak is-soċju illi jkollu l-kotba f'idejh jagħti kont regolari ta' l-attività ta' dik is-soċjetà għall-ingħoddi, għaliex mhux ġust illi dak is-soċju jibqa' sejjer b'kollox a dannu ta' l-ieħor. Għalhekk, għalkemm hemm soċjetà irregolari bejn il-partijiet, iżda l-konvenut huwa dejjem obligat jagħti dak il-kont. Liema kont huwa dejjem kien obligat jagħtih peress illi l-attur għandu dritt għan-nofs il-profitt, salv, s'intendi, dak illi l-attur kien diġà ppreleva mill-qliegħ ;

Tikkunsidra ;

Illi l-kwistjoni l-aktar importanti f'din il-kawża hija dik ta' l-inkwilinat, għaliex l-attur jippretendi illi dak il-ħanut kien ġiebu huwa u għalhekk għandu jieħdu lura la darba hemm ix-xoljiment tas-soċjetà, mentri l-ieħor igħid li kien

krieh huwa. Irriżulta mix-xhieda............. Għalhekk, la darba hemm dik l-iskrittura, jew almenu dak il-ftehim, u la darba l-kera di fronti għal Annunzjata Cilia dejjem ġie mħallas mill-konvenut, u l-ircevuti magħmula lilu, hemm allura rapport ġuridiku ta' lokazzjoni, almenu apparenti, bejn Annunzjata Cilia u l-konvenut, u ma tistax allura din il-kwistjoni tiġi investita f'din il-kawża mingħajr il-preżenza u l-kontestazzjoni ta' Annunzjata Cilia, l-interessata prinċipali; għaliex għalkemm din xehdet f'din il-kawża u qalet illi hija kriet lill-attur, iżda ma jistax jitbiddel dak ir-rapport ġuridiku bejn Cilia u l-konvenut mingħajr azzjoni appożita fejn jieħdu parti tant iż-żewġ kontendenti tal-lum kemm Annunzjata Cilia;

Għal dawn ir-raġunijiet;

1. Tirrespinġi l-appell in kwantu huwa dirett biex ikun dikjarat illi l-attur kien sempliċi impjegat, mentri r-rapporti bejn il-kontendenti kienu ta' soċjetà irregolari; l-ispejjeż ta' dan l-appell fuq dan il-kap ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistru jkun kontra l-appellant;

2. Tilqa' l-appell tal-konvenut in riferenza għat-tielet talba, u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju fuq dik l-aħħar talba, bl-ispejjeż relativi kontra l-attur, u għalhekk fuq dan il-kap tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell;

F'dan is-sens biss tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell. Iż-żmien mogħti fl-ewwel sentenza għar-rendiment tal-kontijiet jibda jgħaddi mil-lum.